



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15968/23

ENT 254
MI 1037
COMPET 1173
IND 625
DELECT 188

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 7206 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 16.11.2023 li jemenda d-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodi tal-kejl tal-istorbju fl-arja li jagħmel it-tagħmir ta' barra

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 7206 final.

Mehmuż: C(2023) 7206 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2023
C(2023) 7206 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 16.11.2023

**li jemenda d-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-
metodi tal-kejl tal-istorbju fl-arja li jagħmel it-tagħmir ta' barra**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAR-REGOLAMENT DELEGAT

Id-Direttiva 2000/14/KE dwar l-emissjoni tal-ħoss fl-ambjent¹ (“id-Direttiva”) ġiet adottata fit-8 ta’ Mejju 2000 u saret applikabbli fit-3 ta’ Jannar 2002. Il-qafas legali tal-UE dwar l-emissjoni tal-istorbju mit-tagħmir ta’ barra għe introdott bl-amalgamazzjoni ta’ seba’ Direttivi speċifiċi dwar il-prodott u żewġ Direttivi dwar il-proċeduri tat-testijiet².

Id-Direttiva tistabbilixxi l-qafas legali għall-armonizzazzjoni tar-regoli u l-proċeduri relatati mal-emissjoni tal-istorbju fl-ambjent mit-tagħmir ta’ barra li jitqiegħed fis-suq tal-UE. Din maħsuba biex tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-benesseri taċ-ċittadini, u biex tipproteġi l-ambjent, billi tnaqqas l-emissjoni tal-istorbju mit-tagħmir ta’ barram u tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, billi tarmonizza r-rekwiżiti għat-tagħmir ta’ barra fir-rigward tal-emissjoni tal-istorbju biex tevita l-ostakli għall-moviment liberu ta’ dak it-tagħmir.

Id-Direttiva hija leġiżlazzjoni ta’ “Approċċ Antik”. Din tippreskrivi r-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (inklużi r-referenzi għall-istandards), differenti mil-leġiżlazzjoni ta’ “Approċċ Ġdid” li tistabbilixxi rekwiżiti essenzjali ġenerali filwaqt li tħalli l-użu tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għad-diskrezzjoni tal-manifattur. B’mod partikolari, id-Direttiva tistabbilixxi limiti armonizzati tal-istorbju għal lista eżawrjenti ta’ tagħmir, metodi dettaljati biex jitkejlu l-livelli tal-istorbju tat-tagħmir ta’ barra, il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità u r-rekwiżiti tal-immarkar.

¹ Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-8 ta’ Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta’ barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1), emendata bid-Direttiva 2005/88/KE (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 44), bir-Regolament (KE) Nru 219/2009 (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 109), u bir-Regolament (UE) 2019/1243 (ĠU L 198, 25.7.2019); rettifika bir-Rettifika (ĠU L 165, 17.6.2006, p. 35 (2005/88/KE)). It-test oriġinali: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32005L0088>; it-test konsolidat: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02000L0014-20190726>. Il-paġna web settorjali tal-Kummissjoni dwar l-emissjoni tal-istorbju mit-tagħmir ta’ barra: https://ec.europa.eu/growth/sectors/mechanical-engineering/noise-emissions_mt

² Id-Direttiva tal-Kunsill 79/113/KEE tad-19 ta’ Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mad-determinazzjoni tal-emissjoni tal-ħoss ta’ impjanti u tagħmir tal-kostruzzjoni (ĠU L 33, 8.2.1979, p. 15); id-Direttiva tal-Kunsill 84/532/KEE tas-17 ta’ Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu ma’ dispożizzjonijiet komuni għall-impjanti u t-tagħmir tal-kostruzzjoni (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 111); id-Direttiva tal-Kunsill 84/533/KEE tas-17 ta’ Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-livell tal-qawwa tal-ħoss permissibbli tal-kompressuri (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 123); id-Direttiva tal-Kunsill 84/534/KEE tas-17 ta’ Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta’ krejnijiet għoljin (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 130); id-Direttiva tal-Kunsill 84/535/KEE tas-17 ta’ Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta’ ġeneraturi tal-iwweldjar (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 142); id-Direttiva tal-Kunsill 84/536/KEE tas-17 ta’ Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta’ ġeneraturi tal-enerġija (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 149); id-Direttiva tal-Kunsill 84/537/KEE tas-17 ta’ Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta’ tagħmir li jkisser u jbaqqan il-konkrit li jinżamm fl-idejn motorizzati (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 156); id-Direttiva tal-Kunsill 84/538/KEE tas-17 ta’ Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-livelli tal-qawwa tal-ħoss permissibbli ta’ magni tal-qtugħ tal-ħaxix (ĠU L 300, 19.11.1984, p. 171); id-Direttiva tal-Kunsill 86/662/KEE tat-22 ta’ Diċembru 1986 dwar il-limitazzjoni tal-ħoss emess minn skavaturi idrawliċi, skavaturi mħaddma bil-ħabel, dozers, lowders u lowders tat-tħaffir (ĠU L 384, 31.12.1986, p. 1).

L-Anness III, li jirrappreżenta nofs it-test tad-Direttiva, fih id-deskrizzjoni tal-metodi tal-kejl tal-istorbju li l-industrija jeħtieġ tikkonforma magħhom għad-disinn u għall-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir ta' barra. Dawn il-metodi bħalissa huma obsoliti u din il-proposta tippermetti li din il-parti sinifikanti tad-Direttiva ssir konformi mal-progress tekniku u tissimplifika l-ħidma tal-manifatturi u tal-korpi notifikati billi tuża l-verżjoni attwalment disponibbli tal-istandards adottati skont id-Direttiva 2006/42/KE dwar il-makkinarju³ ("id-Direttiva dwar il-Makkinarju"). Barra minn hekk, il-kejl il-ġdid tal-istorbju jistabbilixxi bażi aktar soda għall-aġġornament tal-limiti tal-istorbju permezz ta' reviżjoni futura tad-Direttiva.

Din il-proposta toħroġ mis-setgħa tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 18a tad-Direttiva, li tadotta atti delegati li jemendaw l-Anness III biex tadattah għall-progress tekniku u hi bbażata fuq il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva⁴ ppubblikati fis-16 ta' Novembru 2020 wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Emissjonijiet tal-Istorbju Fuq Barra⁵ ("il-grupp ta' esperti").

Id-Direttiva tikkumplimenta r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju fir-rigward tal-emissjonijiet tal-istorbju fl-arja. 55 mis-57 kategorija tat-tagħmir koperti mid-Direttiva jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju timxi mat-teknika leġiżlattiva ta' "Approċċ Ġdid", u għalhekk il-manifatturi li japplikaw l-istandards armonizzati rilevanti jgawdu l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza. Skont l-Anness I, it-Taqsima 1.7.4.2 (u), il-manifatturi jistgħu jużaw ukoll il-metodi indikati fl-istandards armonizzati biex ikejlu l-istorbju fl-arja sakemm ma jkunx indikat mod ieħor f'Direttivi oħra tal-Unjoni, bħalma hu l-każ tad-Direttiva dwar l-Istorbju ta' Barra għal dawk il-55 kategorija tat-tagħmir. Madankollu, il-metodi tal-kejl tal-istorbju stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva huma ħafna drabi obsoliti għax l-Anness III ilu ma jiġi rivedut minn meta ġiet adottata d-Direttiva.

Is-segwitu tal-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istorbju ta' Barra jinsab fil-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero bl-Inizjattiva Ewlenija 2, għas-snin 2022-2023, f'konformità mal-istrateġija tal-UE biex jonqos l-istorbju fis-sors, u fl-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fis-16 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat l-evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva⁶.

Il-konklużjoni ġenerali tal-evalwazzjoni hi li d-Direttiva titqies b'mod ġenerali effettiva, effiċjenti, rilevanti u koerenti, u tipprovdi valur miżjud tal-UE. Id-Direttiva kienet u għadha l-forza primarja li tixpruna t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-istorbju għat-tagħmir ta' barra.

Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat bosta kwistjonijiet li jaffettwaw it-tħaddim tad-Direttiva: il-kamp ta' applikazzjoni, il-limiti tal-istorbju, il-metodi tal-kejl tal-istorbju, il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità, il-ġbir tad-data dwar l-istorbju u l-allinjament mal-

³ Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24–86), emendata bir-Regolament (KE) Nru 596/2009 (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 14), bid-Direttiva 2009/127/KE (ĠU L 310, 25.11.2009, p. 29) bir-Regolament (UE) Nru 167/2013 (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1), bid-Direttiva 2014/33/UE (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 251) u bir-Regolament (UE) 2019/1243 (ĠU L 198, 25.7.2019); rettifika bir-Rettifika (ĠU L 076, 16.3.2007, p. 35 (2006/42/KE)). It-test oriġinali: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32006L0042>; it-test konsolidat: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02006L0042-20190726>.

⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:715:FIN>

⁵ <https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=en&groupID=3673>

⁶ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2020:715:FIN>

Qafas Leġiżlattiv il-ġdid⁷, u rrimarkat il-ħtieġa li ssir reviżjoni tad-Direttiva jew tiġi promulgata s-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tadatta l-metodi tal-kejl tal-istorbju mal-progress tekniku (l-Artikolu 18(a) tad-Direttiva).

Fis-17 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati tal-evalwazzjoni tad-Direttiva lill-grupp tal-esperti. Ħafna mill-assoċjazzjonijiet industrijali u l-korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni esprimew l-appoġġ tagħhom li jiġi emendat l-Anness III permezz ta' att delegat, u mbagħad li ssir reviżjoni sħiħa minnufih tad-Direttiva. Għadd inqas ħafna ta' assoċjazzjonijiet industrijali esprimew l-appoġġ tagħhom li ssir reviżjoni sħiħa tad-Direttiva mill-ewwel. Din tal-aħħar kienet inizjalment ukoll l-għażla ppreferuta ta' ħafna Stati Membri, b'xi eċċezzjonijiet, iżda eventwalment qablu li l-ewwel jiġi emendat l-Anness III permezz ta' att delegat, diment li mbagħad issir ir-reviżjoni tad-Direttiva.

Filwaqt li l-emenda tal-Anness III permezz ta' att delegat mhux se tindirizza l-problemi kollha identifikati fl-evalwazzjoni, din issolvi aktar malajr, meta mqabbla ma' reviżjoni sħiħa tad-Direttiva, waħda mill-aktar kwistjonijiet kritiċi, li hi l-aġġornament tal-metodi tal-kejl tal-istorbju f'konformità mal-progress tekniku u għalhekk ukoll f'konformità mal-istandards użati skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju.

L-emenda tal-Anness III tad-Direttiva ġiet diskussa mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-Istati Membri, l-assoċjazzjonijiet industrijali, il-korpi notifikati, l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, u esperti individwali dwar l-istandardizzazzjoni tal-metodi tal-kejl tal-istorbju.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati saret tramite l-grupp tal-esperti bl-għajjnuna tal-pjattaforma kollaborattiva CIRCABC⁸ għall-komunikazzjonijiet u d-distribuzzjoni tal-informazzjoni u tad-dokumenti. Il-grupp tal-esperti ltaqa' tliet darbiet biex jiddiskuti l-modifiki tal-Anness III.

Il-partijiet ikkonċernati qablu b'mod wiesa' mal-metodi l-ġodda proposti għall-kejl tal-istorbju.

It-tħassib ewlieni tal-grupp tal-esperti kien il-fatt li l-adozzjoni tal-att delegat hi marbuta mal-kundizzjoni li ma għandu jkun hemm l-ebda impatt dirett fuq ir-riżultati tal-kejl tal-istorbju tat-tagħmir soġġett għal-limiti tal-istorbju (l-Artikolu 12 tad-Direttiva). B'mod awtomatiku, jekk jinbidlu l-metodi tal-kejl tal-istorbju, jistgħu jinbidlu wkoll il-livelli tal-istorbju tat-tagħmir riżultanti. Għat-tagħmir skont l-Artikolu 12, jekk il-valuri l-ġodda tal-istorbju jkunu iżjed mil-limiti stabbiliti tal-istorbju anki jekk it-tagħmir ma jkunx inbidel, dan jista' jwassal għal nonkonformità potenzjali mad-Direttiva. Biex tevita dan, il-Kummissjoni pproponiet li f'dawn il-każijiet partikolari tingħata l-possibbiltà li l-manifatturi jiddikjaraw il-valuri tal-istorbju mkejla skont il-metodi oriġinali stabbiliti fid-Direttiva, sakemm ma jiġux riveduti l-limiti tal-istorbju stabbiliti fl-Artikolu 12.

Punt ieħor li ġie diskuss bir-reqqa fil-laqgħat kollha tal-grupp tal-esperti kien il-metodoloġija tal-kalkolu tal-fattur tal-inċertezza li d-Direttiva ma inkludietx. Billi fil-forum tal-istandardizzazzjoni ma kienx hemm progress dwar dan is-suġġett, ma setgħetx tiġi inkluża metodoloġija dwar dan is-suġġett.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30) u d-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

⁸ <https://circabc.europa.eu/ui/group/597bb16c-7f1d-48ea-9afe-3d5248208547>

Għall-evalwazzjoni tad-Direttiva, intużaw sorsi differenti tad-*data*, saru diversi konsultazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fil-gruppi ta' ħidma rilevanti, kif ukoll saru diversi studji, biex tinġabar informazzjoni aġġornata dwar il-prestazzjoni tat-tagħmir fil-kamp ta' applikazzjoni u biex jiġu mistħarrġa l-ħtieġa u l-possibbiltà ta' rieżami:

- “Study on the experience in the implementation and administration of Directive 2000/14/EC relating to the noise emission in the environment by equipment for use outdoors” (l-istudju “NOMEVAL”)⁹ fl-2007;
- “Impact assessment on possible policy options for reviewing the Outdoor Equipment Noise Directive” (l-istudju “ARCADIS”)¹⁰ fl-2009;
- “Study on the merger of the Directive on noise from outdoor equipment, 2000/14/EC, with the Machinery Directive, 2006/42/EC” (l-istudju “CEPS”)¹¹ fl-2013;
- “Study on the suitability of the current scope and limit values of Directive 2000/14/EC relating to the noise emission in the environment by equipment for use outdoors” (l-istudju “ODELIA”)¹² fl-2015-2016;
- “Supporting study for an evaluation¹³ and impact assessment¹⁴ of Directive 2000/14/EC on noise emission by outdoor equipment” (l-istudju VVA”) fl-2017-2018.

L-informazzjoni dwar il-metodi tal-kejl tal-istorbju miksuba waqt l-evalwazzjoni tad-Direttiva, b'mod partikolari l-informazzjoni inkluża fl-istudju NOMEVAL, fl-istudju ODELIA, fl-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, u fl-istandards attwali inkluż il-metodi tal-kejl tal-istorbju identifikati għall-kategoriji kollha tat-tagħmir, kienu lkoll bażi għat-tħejjija tal-att delegat. Il-kummenti u d-dokumenti ta' pożizzjoni kollha li waslu mingħand il-partijiet ikkonċernati differenti tul il-proċess tat-tħejjija ta' dan l-att delegat ingħaddew lill-membri kollha tal-grupp tal-esperti permezz tas-CIRCABC u ġew diskussi fil-laqgħat tal-grupp tal-esperti.

Il-Kummissjoni ma sabitx li hemm bżonn issir valutazzjoni tal-impatt tal-proposta. Il-modifiki introdotti b'din il-proposta huma limitati għas-sostituzzjoni tal-metodi tal-kejl tal-istorbju li diġà jużaw il-manifatturi u l-korpi notifikati b'metodi ġodda, mingħajr ma jiżdied xi piż addizzjonali. Għalhekk, l-impatt ekonomiku hu limitat għall-investment ta' darba minn dawn il-partijiet ikkonċernati biex jadattaw il-faċilitajiet tagħhom għall-metodi l-ġodda u biex jużaw il-kejl il-ġdid tal-istorbju għall-mudelli eżistenti fis-suq. Il-mudelli tat-tagħmir imqiegħed fis-suq mhux mistennija jinbidlu minħabba l-metodi l-ġodda. Il-manifatturi xorta se jkunu meħtieġa jiddisinjaw il-magni tagħhom biex iżommu l-emissjonijiet tal-istorbju fl-aktar livell baxx ħalli jikkonformaw mad-Direttiva dwar il-makkinarju kif indikat hawn fuq. Għalhekk, mhu mistenni l-ebda impatt ambjentali jew soċjali.

⁹ <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/1639>

¹⁰ <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/1635>

¹¹ <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/4985>

¹² <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/18281>

¹³ <https://op.europa.eu/en/web/eu-law-and-publications/publication-detail/-/publication/90f4d795-e192-11e8-b690-01aa75ed71a1>

¹⁴ <https://op.europa.eu/en/web/eu-law-and-publications/publication-detail/-/publication/69de2e48-e17d-11e8-b690-01aa75ed71a1>

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAR-REGOLAMENT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu l-għan li jemenda l-Anness III dwar il-metodu tal-kejl tal-istorbju fl-arja li jagħmel it-tagħmir ta' barra, biex jiġi adattat mal-progress tekniku kif stabbilit fl-Artikolu 18(a).

B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 18(a) jipprevedi li l-emenda ma tista' tħalli l-ebda impatt dirett fuq il-livell imkejjet tal-potenza akustika tat-tagħmir elenkat fit-tagħmir deskritt fl-Artikolu 12, b'mod partikolari bl-inklużjoni ta' referenzi għall-istandards Ewropej rilevanti.

Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat hu maħsub biex ikollu l-koerenza mal-aqwa livell ta' żvilupp tekniku rifless fl-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jagħtu preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit essenzjali 1.7.4.2. (u) dwar l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-istorbju fl-arja kif stabbilit fid-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Id-data proposta tal-applikabbiltà tar-Regolament Delegat hija 24 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu u għalhekk ir-Regolament Delegat mhux se jaffettwa t-tagħmir imqiegħed fis-suq tal-Unjoni qabel dik id-data tal-applikabbiltà.

Ir-Regolament Delegat ma għandu l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 16.11.2023

li jemenda d-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodi tal-kejl tal-istorbju fl-arja li jagħmel it-tagħmir ta' barra

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra¹⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(a) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/14/KE, l-Istati Membri jridu jiżguraw li t-tagħmir imsemmi fl-Artikolu 2(1) ma jitqigħedx fis-suq jew fis-servizz sakemm il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fl-Unjoni jiżgura li t-tagħmir ikollu l-indikazzjoni tal-livell ta' potenza akustika garantita, li skont l-Artikolu 3(f) irid jiġi determinat f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.
- (2) Skont it-Taqsima 1.5.8, it-tieni paragrafu, tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi jivvalutaw il-livell tal-emissjonijiet tal-istorbju tal-magni. Skont it-Taqsima 1.7.4.2, il-punt (u) ta' dak l-Anness, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifatturi jipprovdu informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-istorbju fl-arja, inkluż informazzjoni dwar il-metodu użat biex jitkejjel l-istorbju fl-arja, li jrid ikun l-aktar metodu xieraq għall-makkinarju meta ma jiġux applikati standards armonizzati, sakemm il-metodu ma jkunx speċifikat f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni u l-użu tiegħu jkun obligatorju, bħalma hu l-każ tad-Direttiva 2000/14/KE. Għalhekk, il-manifatturi tat-tagħmir li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE u tad-Direttiva 2000/14/KE jeħtieġ ikejl l-emissjonijiet tal-istorbju ta' dak it-tagħmir f'konformità mal-metodi stabbiliti fid-Direttiva 2000/14/KE.
- (3) L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/14/KE fih Tabella li tistabbilixxi l-livell permissibbli tal-potenza akustika tat-tagħmir ta' barra. Dik it-Tabella ġiet aġġornata bid-Direttiva 2005/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷. Madankollu, il-metodi tal-kejl tal-istorbju stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva 2000/14/KE ma ġewx aġġornati minn kemm ilha li ġiet adottata. Għalhekk, dawn il-metodi jeħtieġ jinġiebu f'konformità mal-progress tekniku u l-progress fl-istandardizzazzjoni Ewropea.

¹⁵ ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1.

¹⁶ Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24).

¹⁷ Id-Direttiva 2005/88/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 li temenda d-Direttiva 2000/14/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 44).

- (4) Metodi differenti tal-kejl jista' jkollhom kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet differenti li jistgħu jħallu impatt fuq il-livell tal-potenza akustika kkalkolat. Il-livelli permissibbli tal-potenza akustika fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/14/KE ġew stabbiliti bil-metodi tal-kejl adottati fis-sena 2000. Jekk il-livelli tal-potenza akustika garantita tat-tagħmir elenkat fl-Artikolu 12 jiġu kkalkolati bil-metodi l-ġodda tal-kejl, u l-livelli permissibbli tal-potenza akustika ma jkunux ġew aġġornati kif xieraq, iż-żewġ valuri tal-istorbju jaf ma jkunux komparabbli għalkollox u l-varjazzjoni tal-livell tal-potenza akustika garantita kkalkolat minħabba l-bidla fil-metodu tal-kejl tal-istorbju tista' twassal għal bidla fil-konformità tat-tagħmir. Meta jkun hemm dubbi dwar il-konformità tat-tagħmir minħabba bidla fil-metodi tal-kejl tal-istorbju, ikun meħtieġ li għall-finijiet tal-komparabbiltà jiġi previst il-kalkolu tal-livelli tal-potenza akustika bl-istess metodi tal-kejl użati biex jiġu stabbiliti l-livelli permissibbli tal-potenza akustika.
- (5) Għalhekk, id-Direttiva 2000/14/UE jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (6) L-operaturi ekonomiċi jeħtieġ jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda. Għalhekk li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament Delegat jenħtieġ li tiġi differita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 2000/14/KEE huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [*OP please: insert exact date – [...] 24 months after entry into force of this Regulation*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16.11.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN